# Innu lil Ġesù Salvatur

Manoel Pirotta
Manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Innu *di Gloria*, komunement magħruf bħala l-Innu ta' Tifħir jew l-Innu il-Kbir, jagħmel sehem mill-ġeneru ta' kantata – kompożizzjoni vokali pjuttost twila għal vuċijiet solisti, aktarx maskili bħal ngħidu aħna, Tenur jew Baritonu u Baxx, kor, li ħafna drabi kien ikun tat-tfal, u strumenti, naturalment tal-banda. Dan kien ikun l-aqwa rigal li Surmast qatt seta' jagħti lill-banda tiegħu peress li fih il-kreazzjoni lehmiena kienet tkun fl-aqwa u l-ogħla livelli tagħha. Huwa minħabba f'hekk li, l-innijiet *di Gloria* li ħarġu mill-pinna tas-Surmast Antonio Miruzzo (1867-1944) huma bil-wisq imfittxijin u merfugħin b'għożża kbira fl-arkivji ta' dawk il-baned fejn huwa kien iħabbat. Fost dawn l-innijiet il-kbar insibu l-**Innu lil Ġesù Salvatur** li hu kien kiteb għall-Banda San Piju X ta' Ħal Lija, liema banda dam magħha għal għoxrin sena sħaħ bejn is-snin 1906 u 1926.

Kliem muftieħ: Innu solenni lil Ġesù Salvatur, Innu di Gloria, Mro. Antonio Miruzzi, Partitura, Trasfigurazzjoni, Salvatur, Tabor, Soċjetà Mużikali Banda San Pio X Lija.



Il-baned kollha fejn Mro. Antonio Miruzzi kien Surmast, kollha b'xi mod jew ieħor għandhom xi xogħlijiet minn tiegħu u kollha f'xi żmien jew ieħor kitbu fuq ħajtu fil-programmi tal-festa rispettivi tagħhom. Ikun inutli hawnhekk li, wieħed joqgħod jidħol f'wisq dettal fuq il-ħajja mużikali ta' dan il-kompożitur prolifiku u x-xogħlijiet aktarx għall-banda li huwa kiteb bil-bosta. Fil-każ tal-**Innu lil Ġesù Salvatur**, mhux magħruf meta seta' kiteb dan il-kapolavur, imma żgur li wara s-sena 1906 li fiha Mro. Miruzzi kien ittrasforma 'l Banda San Piju X ta' Ħal Lija minn orkestra f'waħda mill-aqwa baned fil-gżejjer Maltin. Huwa kien magħruf bħala bniedem ta' dixxiplina kbira mhux biss waqt il-provi imma wkoll waqt l-esekuzzjonijiet. Il-bandisti li jdoqqu taħtu kienu jammirawh għall-metodu kif kien jgħallem u l-ħila tiegħu fid-direzzjoni. Mhux ta' b'xejn li l-baned kollha li kienu taħt idejn għamlu progress enormi u kisbu popolarità kbira.

Partitura: Il-mużika li ġiet f'idejja tal-**Innu lil Ġesù Salvatur** hi biss kopja ta' partitura li mhix dik oriġinali għall-fatt li, il-versi huma bil-Malti. Fil-fatt, kien Monsinjur Ġużepp Xerri (traduttur ta' bosta xogħlijiet ta' xeħta sagra) li qalibhom aktarx mit-Taljan għall-Maltin. Il-partitura oriġinali kif kien kitibha Mro. Antonio Miruzzo ma teżistix, u wisq anqas l-isem tal-awtur tal-versi bit-Taljan. Dan ifisser li, aħna nistgħu noqgħodu biss fuq min għamel it-traskrizzjoni tal-Innu li, f'dal-każ ukoll, lanqas nafu min hu! Fil-proċess tħallew barra xi strumenti qodma li m'għadhomx jindaqqu fil-baned Maltin u l-mużika tagħhom ngħatat lill-oħrajn aktar ġodda fosthom, l-*Althorn*. Din t'hawn taħt hija nomenklatura tal-istrumenti u vuċijiet fl-ordni ta' kif jidhru fil-partitura:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01 | Flute | 13 | 1st. Trumpet |
| 02 | E*b* Clarinet | 14 | 2nd. Trumpet |
| 03 | 1st. B*b* Clarinet | 15 | 1st. Althorn |
| 04 | 2nd. B*b* Clarinet | 16 | 2nd. Althonr |
| 05 | 3rd. B*b* Clarinet | 17 | 1st. Euphonium |
| 06 | E*b* Saxophone | 18 | 2nd. Euphonium |
| 07 | B*b* Saxophone | 19 | 1st. and 2nd. Trombones |
| 08 | 1st. and 2nd. Eb Horns | 20 | 3rd. Trombone |
| 09 | 3rd. E*b* Horn | 21 | E*b*/B*b* Basses |
| 10 | Choir | 22 | Side Drum |
| 11 | Tenor | 23 | Cymbals/Bass Drum |
| 12 | Bass | 24 | Bells |

Mit-tabella t'hawn fuq wieħed jinnota li l-ismijiet tal-istrumenti huma bl-ilsien Ingliż meta nafu fiċ-ċert li fi żmien Mro. Miruzzi dawn kienu jitniżżlu bit-Taljan. Ukoll, peress li, min għamel it-traskrizzjoni għażel li jagħmel użu minn karti tal-mużika ta' 24 pentagramma l-waħda, ċerti strumenti kellhom joqgħodu fuq l-istess waħda, filwaqt li oħrajn tpoġġew fuq pentagrammi separati peress li ħafna drabi jdoqqu diviżi. Il-partitura fiha 64 paġna u l-għadd ta' battuti jitla' għal 454, mingħajr ma noqgħodu ngħoddu r-repliki. Bħala xogħol, l-Innu ma jaqa' taħt l-ebda forma partikolari, iżda għandu għadd ta' taqsimiet li faċilment wieħed jidentifikahom peress li huma mmarkati b'xi espressjoni jew oħra bħal ngħidu aħna, *Maestoso, Moderato, Allegretto*, u oħrajn.



Ittri ta' waqt il-prova: Iżda, xiħaġa li wieħed qajla jitkellem dwarhom f'xi artiklu ta' din ix-xorta huma dawk l-ittri alfabetiċi, li nsibu mxerrdin 'l hawn u 'l hinn fil-partitura. Dawn aktarx ikunu mpenġijin b'mod li jidhru ċari u mdawrin b'ċirku kkulurit biex l-għajn tas-surmast tmur mill-ewwel fuqhom waqt li jkun qed jidderieġi x-xogħol li jkollu taħt il-bakketta tiegħu. Dawn l-ittri jitqiegħdu fin-naħa ta' fuq tas-sistema, biex jekk aċċidentalment is-surmast ikollu jwaqqaf il-banda għal kwalunkwe ħaġa, ikun jista' jerġa' jieħu mill-eqreb waħda. B'hekk ma jintilifx ħin bla bżonn waqt il-provi. U jekk jara li, wara li jkun reġa' għadda dak il-passaġġ u l-iżball għadu ma tranġax, jista' jibqa' jieħu mill-istess post sakemm ikun hemm bżonn. Dawn l-istess ittri jkunu wkoll imniżżlin fil-mużika li jkollhom quddiemhom il-bandisti. B'dan il-mod, huma jiffrankaw milli joqgħodu jgħoddu ħafna battuti, għax ħafna drabi jiġri li jispiċċaw ma jaqblux bejniethom minfejn iridu jibdew, bil-konsegwenza li, meta s-surmast jniżżel idu kulħadd jibda minn post differenti. U hemmhekk trid tisma' x'kakofonija tinħoloq! Importanti għalhekk, li dawn ikunu mmarkati ċari u sewwa kemm jista' jkun għall-ġid ta' kulħadd.




Issa, biex dawn l-ittri ta' waqt il-prova ikunu jiswew għal xiħaġa, iridu jitpeġġew fejn l-aktar jagħmel sens, bħal ngħidu aħna, fil-bidu ta' xi taqsima jew sezzjoni (aktarx dawn ikunu maqsumin f'sentenza jew aktar ta' tmien jew 16-il battuta l-waħda), meta tinbidel xi tonalità jew passaġġ li fih il-mużika tkun ser timmodula, jinbidel ħabta u sabta s-sinjal tal-miżura, it-temp iżid/inaqqas mill-ġirja tiegħu, xi strumenti (jew grupp ta' strumenti) jiġu biex jibdlu l-idejn, il-kulurit jibdel lewnu, il-mużika tibdel il-ħjut tagħha, b'xi mod jew ieħor tinbidel il-burdata - insomma, kull meta sseħħ xi forma ta' bidla importanti li tista' taffetwa l-mużika fl-espressjoni tagħha. Ġieli wkoll, meta jkun hemm is-sinjal tar-replika, jew xi forma oħra ta' sinjal hekk imsejjaħ konvenzjonali ma jkunx hemm għalfejn wieħed joqgħod jimmarkaha b'xi ittra għax fih innifsu huwa għelma li biha wieħed jista' jiftiehem minfejn għandha tittieħed il-mużika.

Il-partitura fiha sbatax minn dawn is-sinjali ta' waqt il-prova li jikkorrespondu mal-ewwel sbatax-il ittra tal-alfabet Ingliż. Dawn huma mqiegħdin hemm bi ħsieb, għax kif ser naraw, ser iservu ta' riferiment għall-varji fażijiet fil-formazzjoni tal-biċċa xogħol mużika li għandna f'idejna:

(b. 01 - 47): L-introduzzjoni, f'żewġ taqsimiet kbar, għax fiha tħaddan ukoll taqsima A, hi pjuttost twila imma, għat-tul tagħha, toqgħod tajjeb għal xogħol twil bħalma huwa dan l-Innu ta' Tifħir. Wieħed jinnota wkoll li, l-Innu jiftaħ u jagħlaq bl-istess temp maestuż. It-tonalità tal-bidu, li hija ta' tliet bemolli, fil-fatt tibqa' magħna sal-ewwel tliet battuti tal-ittra F, fejn imbagħad timmodula lejn LA*b* Maġġuri. Bħala sinjal ta' miżura mbagħad, il-kompożitur għażel wieħed komuni. Dan jingħaraf

għax wara l-kjavi hemm l-ittra C li tfisser li kull battuta fiha erba’ kwarti. Dan is-sinjal jinbidel, imma mhux qabel l-ittra H.

A (b. 29 – 47): Din it-taqsima tifforma t-tieni parti tal-introduzzjoni u għaldaqstant, iżżomm l-istess temp ordinarju ta’ erba’ kwarti kull battuta. F’din it-taqsima wkoll, tiżvolġi melodija ħelwa fuq l-istrumenti tal-injam li għandha minn arja f’xi opra. F’xi ħin ukoll, jingħaqdu magħhom il-kurunetti primi (b. $36^4$ – $43^1$) Il-kumplament tal-istrumenti tar-ram jipprovdu akkumpanjament fl-istess ħin ritmat u sempliċi.

B (b. 48 – 64): Dit-taqsima hija fil-fatt kontinwazzjoni ta’ dik li ġiet qabilha, bid-differenza li, hawn jibdew deħlin il-vuċijiet. L-ewwel li ma jidħol hu l-Baxx b’żewġ taħbiriet qosra f’forma reċitattiva, u bil-kor iwieġeb lura fit-tieni sentenza mużikali.

C (b. 68 – 88): Hawn jerġa’ jidħol il-Baxx, akkumpanjat minn fanfarra fuq il-kurunetti (b. $64^4$ -$72^3$), liema passaġġ hu segwit minn solo fuq il-kurunetta (b. $72^4$ – $80^3$), biex imbagħad jerġgħu jingħaqdu magħha l-kumplament tal-istrumenti (b. $80^4$ – 88), u b’hekk din it-taqsima tiġi fi tmiemha.

D (b. 89 – 108): Dit-taqsima tiftaħ bl-istess mod bħal ta’ qabilha, bil-Baxx imwieġeb biss mill-istrumenti l-baxxi tar-ram (b. 89 – 96). Fit-tieni sentenza nerġgħu nsibu l-kor bl-istess melodija u kollox.

*Moderato* (b. 109 – 125): Hawn mhux biss jinbidel it-temp imma anke l-burdata. Ibda biex, il-mużika timmodula lejn kjavi fil-minuri. Apparti minn hekk, f’dan il-passaġġ ma tantx jiġru xi affarijiet kbar – wara introduzzjoni ta’ erba’ battuti l-kor jidħol biex ikanta vers wieħed biss, segwit mill-istess erba’ battuti li ppreċidewh. Il-Baxx imbagħad jidħol mill-ġdid fuq is-settima diminwita, liema taħbira tiġi imwieġba fil-pront mit-Tenur fuq l-akkordju toniku.

E (b. 126 – 141): Huwa fil-fatt il-kontinwazzjoni tal-passaġġ li ġie qablu. Fih insibu minsuġ dwett bejn iż-żewġ vuċijiet solisti li jestendi ruħu għall-bqija tal-battuti. Għall-ewwel dawn ikunu akkumpanjati ħafif tista’ tgħid mill-istrumenti kollha tal-banda, iżda mbagħad jisfaw weħidhom u l-għajta tagħhom tnin u tmut mal-miġja ta’ passaġġ qasir li jiġi wara.

F (b.142 – 159): F’din it-taqsima nsibu passaġġ li jservi ta’ ħolqa u mmarkat *Morendo* (b. 142 – 144). Din il-fanfara ċkejkna mibnija fuq nota waħda biss – DO, il-kompożitur jinqeda biha biex jimmodula fil-kjavi tas-sotto-dominanti, jew LA*b* Maġġuri. Il-passaġġ ħolqa hu segwit minn ieħor immarkat *Andante Mosso* (b. 145 - 159) li hu maqsum fi tliet taqsimiet iżgħar: (a) sentenza mużikali ta’ disa’ battuti (b. 145- 153) fejn kor, tenur u baxx ikantaw fl-unisonu, akkumpanjati *mezzo piano* mill-banda sħiħa, inkluż strumenti tal-perkussjoni u qniepen tubulari; (b) *codetta* ta’ sitt battuti (b. 154-9) biex tagħlaq dit-taqsima.

G (b. 160 – 169) Jikkonsisti f’passaġġ strumentali ta’ għaxar battuti in FA Minuri li fih l-istrumenti tar-ram idoqqu *fortissimo* fl-unisonu. F’tarf dan il-passaġġ, l-istrumenti tal-injam iwieġbu lura kemm kemm jinstemgħu (*pianissimo*) bi ftit kromi ritmati.

H (b. 170 – 181) F’dal-passaġġ, immarkat *Andante*, it-taħbitiet jinżlu minn erbgħa għal tliet semiminimi kull battuta, f’dak li aħna nsejħulu temp ta’ $^3/_4$. Anke it-tonalità teqleb minn waħda minuri għal dik ta’ FA Maġġuri. Fl-ewwel tmien battuti jispikka ħafna il-kant tat-Tenur, akkumpanjat mill-istrumenti tal-qasba, filwaqt li l-aħħar erbgħa huma ddominati mill-kant tal-Baxx għall-akkumpanjament tar-ram.

I (b. 182- 213) Passaġġ immarkat *Allegretto* u temp ta’ $^2/_4$ fejn it-tonalità tibqa’ l-istess waħda. Hawn forsi għandna dik li aħna nsejħulha t-tema ewlenija ta’ dan l-Innu ta’ Tifħir li titkanta darbtejn wara

xulxin, l-ewwel darba *mezzo piano* mill-kor biss għall-akkumpanjament ta' ftit strument fosthom injam u xi ram, u mbagħad *mezzo forte* minn kulħadd għall-akkumpanjament tal-banda sħiħa.



J (b. 214 – 233) Tikkonsisti f'passaġġ mhux tematiku imma ħelu bl-ewwel parti tiegħu replikata u kkaratterizzata minn waqfa mhux mistennija f'nofsha, segwita minn oħra li fiha tiġbor grupp kadenzjali mtenni. S'hawn, it-tonalità hija dejjem in FA Maġġuri.

K (b. 234 – 261) Fl-*Andante* jerġa' jkollna bidla fit-temp li issa jsir $^{3}/_{4}$, u fit-tonalità – RE*b* Maġġuri, li hija waħda pjuttost remota meta mqabbla mat-taqsima li ġiet qabilha. Il-FA fil-fatt hi nota fus li permezz tagħha t-tonalità teqleb ħesrem minn FA għal RE*b* Maġġuri. L-ewwel 16-il battuta huma ddominati min-noti tielgħin u neżlin tal-iskala fit-tonalità l-ġdida, liema passaġġ twil huwa fdat lill-Baxx. Għall-ewwel, dan ikun akkumpanjat biss mir-ram baxx, imbagħad minn kwintett tar-ram u l-arpeġġi stakkati min-naħa tal-injam. Minn battuta 250 'il quddiem, il-Baxx jinseġ melodija xort' oħra, bil-kurunetta sola ddoqq ottava fuqu, bit-tnejn li huma akkumpanjati ħafif mill-klarinetti, korni u baxxi. Dal-passaġġ jiġi fi tmiemu permezz ta' kadenza perfetta mdaqqa *forte*.

L (b. 262 – 281) Dan il-passaġġ ikompli fejn ħalla ta' qablu. Battuti 274 – 7 huma replikati, fejn l-iskala issa hija waħda kromatika u mhux aktar dijatonika.

M (b. 282 – 323) Tħaddan diversi taqsimiet żgħar u kbar: Battuti 282 – 5 iservu ta' ħolqa biex il-mużika tkun tista' tmur lura lejn FA Maġġuri kif kienet f'ittra H. Hawn il-kompożitur jagħmel użu mis-sesta awmentata - RE*b* – FA – LA*b* – SI bekwadra - biex ikun jista' jimmodula mill-ewwel. Minn battuta 286 'il quddiem jerġa' mill-ġdid l-*Allegretto* li konna ltqajna miegħu fl-ittra I. L-aħħar erba' battuti ta' din it-taqsima pjuttost twila joffru *codetta*.

N (b. 324 – 351) Fl-*Andante*, li għandu temp ta' tliet kwarti kull battuta, tiddomina l-vuċi tat-Tenur, akkumpanjat mill-arpeġġi fuq il-klarinetti primi u n-noti twal ġejjin min-naħa tal-ewfonji u l-baxxi.

O (b. 352 – 367) Il-mużika tkompli l-istess fejn ħalliet ta' qabilha.

P (b. 368 – 381) Anke hawnhekk għandna kontinwazzjoni ta' dak li ġie qabel, bit-Tenur jibqa' jippersisti sal-aħħar. Wara l-pawsa ta' battuta 373, il-banda tmur biex tagħlaq l-*Andante* fuq nota kwieta miksura biss mit-tokki tal-qniepen tubulari.

Q (b. 382 – 454) F'din is-sbatax u l-aħħar taqsima l-Innu jilħaq il-qofol tiegħu: l-*Allegretto* (382-437) jiftaħ b'introduzzjoni żgħira ta' erba' battuti, segwita mill-istess materjal li kellna fl-ittra I (b. 182-213) u fl-ittra J minn battuta 214 sa 229. Is-seba' battuti ta' qabel il-*Largo* jiffurmaw *codetta* itwal minn dik li kellna f'battuti 230-3; il-*Largo* (b. 437 – 8) – kelma li bit-Taljan tfisser bil-lajma, hu ta' żewġ battuti kollox, imma l-kompożitur jinqeda bihom biex inaqqas mit-temp qabel ma jmur għall-aħħar parti ta' dan l-Innu;

R *Maestoso* (b. 439 – 454) joffri gran final mill-isbaħ fost il-ferħ u ċ-ċapċip tal-udjenza.

Għeluq: Nagħlaq billi ngħid li, dan l-artiklu qed inwasslu lill-qarrejja Lijani għal diversi raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Ġesù Salvatur li qed tiġi ċċelebrata ġewwa raħal ta' Ħal Lija; (b) f'għeluq il-150 sena minn mindu l-istatwarju Karlu Darmanin ħadem il-vara titulari ta' Ġesù Salvatur (ċ) f'għeluq is-70 sena mill-mewt tas-Surmast Antonio Miruzzi (1867-1944); u (d) fl-okkażjoni tal-125 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun li tagħha l-awtur ta' dan l-artiklu

huwa s-Surmast-direttur, liema banda wkoll kienet taħt il-bakketta ta' Mro. Antonio Miruzzi bejn is-snin 1899 u 1928.

Riferenzi:

Grech Grazio Anton: 14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin – Għawdex 1998
Vella Bondin Joseph: Mużika Bandistika, Innijiet *di Gloria* u Antonio Miruzzi – Programm Festa San Gejtanu 2007 – Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun A.D. 1889
Vella Bondin Joseph: Il-Mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin - PIN 2000